DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 60/2007

tat-8 ta' Ġunju 2007

li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 36/2007 tat-27 ta' April 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1366/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2037/2000 fir-rigward tas-sena bażi għall-allokazzjoni tal-kwoti ta' idroklorofluworokarbonji fir-rigward ta' l-Istati Membri li aderew ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 21aa (Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX li jinsab mal-Ftehim:

"— **32006 R 1366**: Ir-Regolament (KE) Nru 1366/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-6 ta' Settembru 2006 (ĠU L 264, tal-25.9.2006, p. 12)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1366/2006 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-9 ta' Ġunju 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Presiden

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 209, 9.8.2007, p. 65.

([2]) ĠU L 264, 25.9.2006, p. 12.

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali m'huma indikati.